MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-23 ta' Frar, 2012

Numru. 273/2011

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR FABIEN FLERI**
**SPETTUR MALCOLM BONDIN**
**KONTRA**

**MICHELLE BUGEJA**
**ALBERTA AMATO**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Michelle Bugeja ta' 31 sena, bint Francis u Maria Dolore nee' Abela, mwielda Pieta' fit- 28 ta' Frar 1980, residenti 66, Sunshine, Flat 2, Triq il- Qawwara, Marsaskala u detentrici tal- Karta tal- Identita' bin- numru 176580M;

U

Alberta Amato ta' 26 sena, bint Albter u Dolores nee' Spiteri, mwielda Pieta fit- 22 ta' Awwissu 1985, residenti 66, Sunshine, Flat 2, Triq il- Qawwara, Marsaskala u detentrici tal- Karta tal- Identita' bin- numru 434985M

Li gew mressqa biex iwiegbu ghall-imputazzjonijiet;

Talli b' diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l- istess disposizzjoni tal- Ligi u liema atti gew maghmula b' risoluzzjoni wahda u cioe;

1) nhar it- 18 ta' Jannar 2011 ghall habta tas-18.20hrs minn gewwa l- istabbiliment bl- isem ta' Jet Setter li jinsab gewwa l- lukanda Le Meridien li qieghda gewaw r- Rampa ta' San Giljan, San Giljan, ikkommettew serq ta' deheb liema serq ma jeccedix l- €232.94 izda li huwa aggravat bil- vjolenza u bil- hin ghad- dannu tal-propjetarji tal- kumpanija Classic Jewellers u/ jew pesuna/I ohra;

2) nhar is- 17 ta' Jannar 2011 ghall- hatba tal-16.30hrs minn gewwa l- istabbiliment bl- isem ta' Charlotte Self Service li jinsab gewwa Triq il- Vitorja, Qormi kkommettew serq ta' flus kontanti liema serq ma jeccedix €232.94 izda li huwa aggravat bil- vjolenza u bil-mezz ghad- dannu ta' Oliveanne Briffa u/jew persuna/I ohra;

3) nhar is- 17 ta' Jannar 2011 ghall- habta tal-16.45hrs minn gewwa Bazaar li jinsab gewwa Triq il-Vitorja, Qormi kkommettew serq ta' flus kontanti liema serq ma jeccedix l- €232.94 izda li huwa aggravat bil-vjolenza u bil- mezz ghad- dannu ta' Josefa Farrugia u/ jew persuna/I ohra;

4) nhar is- 6 ta' Jannar 2011 minn geww St. Thomas Pharmacy li tinsab gewwa Triq il- Qaliet, Marsaskala, ikkommettew serq ta' diversi prodotti kosmetici u fwejjah liema serq hu aggravate bil- valur li jeccedi €232.94 u bil- vjolenza ghad- dannu ta' Arlette Falzon u/ jew persuna/i ohra;

U lil Alberta Amato wehidha talli;

5) nhar il- 15 ta’ Jannar 2011 ghall-habta tal-16.20hrs minn gewwa l- Browns Pharmacy li tinsab gewwa Vjal il- Helsien, Zebbug Malta, kkommetta serq ta’ flixkun fwieha liema serq ma jeccedix €232.94 ghad-dannu ta’ Corinne Elbourne u/ jew persuna/I ohra;
6) irrendiet ruhha recidiva ai termini tal- Artikoli 49,50 u 289 tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta’ Malta;
U lil Michelle Bugeja wehidha talli;
7) fl- istess dati, hinijit, lok u cirkostanzi kisret il-provedimenti ta’ sentenza sospiza moghtija fil- konfront taghha mill- Qorti tal- Magistrati (Malta) Magistrat Dr. G. A. Apap Bologna LL.D datata 11 ta’ Dicembru 2009, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

Rat illi l-imputati irregistraw ammissjoni fl-istadju ta’ eghluq tal-provi tal-Prosekuzzjoni f’dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnhom wara li l-Qorti tathom zmien xieraq skont il-ligi sabiex jikkonsidraw sew din l-ammissjoni, u wara li l-Qorti wissiethom bl-aktar mod solenni tal-konsegwenzi li ggib maghha din l-istess ammissjoni;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza f’din il-kawza;

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputati tressqu flimkien ma’ terzi fuq sensiela ta’ “shoplifting”, fejn serqu ammonti ta’ oggetti minn diversi hwienet. Bl-ammissjoni taghhom, din il-Qorti qed issibhom

hatja w ghalhekk ser taghti s-sentenza fil-konfront taghhom. Bhala piena, tenut kont ukoll tal-perijodu li huma ghamlu taht arrest preventiv, u tenut kont li ko-imputat kien gie sentenzjat ghal sena prigunerija, il-Qorti hi tal-fehma li perijodu ta' disa' xhur prigunerija tkun adegwata ghal dan il-kaz.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l- 18, 261(a) u (f), 262 (1) (b) u (2), 270, 276 u 277(a), 263(a), 264(1), 276 u 277(b), 284, 285 u 286, 267, 279(a) u 280(2), 49,50 u 289, 264, 28°, 28B, 28C u 28F tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lill- imuptati hatja u ghaldaqstant tikkundannahom disa' (9) xhur prigunerija.

Fil-konfront ta' Michelle Bugeja, tastjeni milli tiehu provvediment fuq is-sentenza ta' prigunerija sospiza, datata 11 ta' Dicembru, 2009, ai termini tal-Artikolu 28B(2)(a) tal-Kap 9.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputati.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------